MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 41/2013

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Roy Steer Chetham (K.I. 187193M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ elf, tmien mija u erbgha u disghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€1,894.21) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok VF1 – Dok VF3; Illi minkejja illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa’ inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura; bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-ittra ufficjali bin-numru 2805/12 u mal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 3203/12 u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv

kontra l-konvenut li huwa, minn issa, ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 ta' Gunju, 2013 mill-Avukat Andre' Portelli u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova 'l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, tmien mija u erbgha u disghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmi (€1,894.21) u dan bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-ittra ufficjali bin-numru 2805/12 u mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 3203/12 u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------